

Brussell, 8 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

9849/18

CFSP/PESC 533
CSDP/PSDC 303
COPS 197
POLMIL 75

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	8 ta' Ġunju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	9524/18 CFSP/PESC 491 CSDP/PSDC 282 COPS 184 POLMIL 67 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tielet Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016 u l-5 ta' Diċembru 2017 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (8 ta' Ġunju 2018)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tielet Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016 u l-5 ta' Diċembru 2017, adottati mill-Kunsill fit-3623 laqgħa tiegħu li saret fit-8 ta' Ġunju 2018.

Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tielet Rapport ta' Progress dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsilli tal-UE u tan-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016 u l-5 ta' Diċembru 2017

1. Filwaqt li afferma mill-ġdid il-Konklużjonijiet tiegħu tas-6 ta' Diċembru 2016, tad-19 ta' Ġunju 2017 u tal-5 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill, b'kunsiderazzjoni tal-fatt li l-UE u n-NATO għadhom qed jaffaċċjaw sfidi ta' sigurtà komuni, jilqa' l-kooperazzjoni kontinwa mill-qrib u ta' tisħiħ reċiproku man-NATO. Din il-kooperazzjoni sseħħ f'oqsma ta' interess komuni, kemm strateġiku kif ukoll operattiv, fil-ġestjoni ta' kriżijiet b'appoġġ għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali kif ukoll fir-rigward tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża fejn il-ħtiġijiet jikkoinċidu mal-ħidma mal-Istati Membri kollha u għall-benefiċċju tagħhom. Għall-UE, l-implimentazzjoni tad-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja f'Lulju 2016 mill-President tal-Kunsill Ewropew, il-President tal-Kummissjoni Ewropea u s-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana tibqa' prijorità politika ewlenija bl-oġettiv ġenerali li tinbena relazzjoni awtentika bejn organizzazzjoni u oħra. Hija tikkostitwixxi element essenzjali ta' sforzi usa' mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi bħala fornitur ta' sigurtà u ssaħħa l-kapaċità tagħha li tikkoopera mal-imsieħba u li tipproteġi ċ-ċittadini tagħha.
2. Fir-rigward tal-inizjattivi attwali tal-UE bil-għan li jissaħħu s-sigurtà u d-difiża, il-Kunsill ifakkar fil-Konklużjonijiet rilevanti kollha, b'mod partikolari dawk ta' Novembru 2016 u Marzu, Mejju u Novembru 2017. Il-Kunsill jenfasizza li l-isforzi ta' sigurtà u difiża tal-UE u tan-NATO jikkontribwixxu sostanzjalment u b'mod koerenti għas-sigurtà tal-Ewropa, u jġibu magħhom kemm benefiċċji kif ukoll responsabbiltajiet, u għal dawk l-Istati Membri kkonċernati, jgħinu wkoll biex il-piż jinqasam b'mod aktar ġust.

3. Filwaqt li jfakkar li s-sett komuni ta' proposti mhux dokument awtonomu u għandu jinqara flimkien mal-konklużjonijiet rilevanti tal-Kunsill, il-Kunsill jilqa' l-progress ulterjuri li sar fl-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti (total ta' 74 azzjoni). F'dan ir-rigward, il-Kunsill jirrikonoxxi t-tielet rapport ta' progress ippreżentat b'mod konġunt mir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża u s-Segretarju Ġenerali tan-NATO skont il-paragrafu 7 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017.
4. Il-Kunsill jirrikonoxxi l-ħidma li għaddejja u jenfasizza l-importanza li jkun żgurat progress li jista' jintwera, u li dan jiġi kkomunikat lill-pubbliku fejn ikun rilevanti, fl-oqsma kollha elenkati fid-Dikjarazzjoni Konġunta ffirmata f'Varsavja u speċifikati fis-sett komuni ta' proposti, inkluż is-suġġetti l-ġodda, bħall-mobbiltà militari, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, u n-nisa, il-paċi u s-sigurtà.
5. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid li l-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO ser tkompli sseħħ fi spirtu miftuħ u trasparenti għalkollox, b'rispett sħiħ għall-awtonomija fit-teħid tad-deċiżjonijiet u l-proċeduri taż-żewġ organizzazzjonijiet u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u bl-involvement sħiħ tagħhom. Hija bbażata fuq il-prinċipji ta' inklużività u reċiproċità mingħajr preġudizzju għan-natura speċifika tal-politika ta' sigurtà u difiża ta' kwalunkwe Stat Membru.
6. Il-Kunsill ifakkar li l-kooperazzjoni tan-NATO mal-Istati Membri tal-UE li mhumex membri tan-NATO hija parti integrali mill-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO. F'dan ir-rigward, il-Kunsill jilqa' l-kontribut pożittiv tal-Istati Membri tal-UE li mhumex membri tan-NATO għall-attivitajiet tan-NATO. Dawn l-attivitajiet huma parti integrali mill-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO u l-Kunsill jappoġġa bis-sħiħ il-kontinwazzjoni tagħhom.
7. Il-Kunsill jistieden lir-Rappreżentant Għoli/Viċi President/Kap tal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża biex tkompli bil-progress fir-rigward tal-implimentazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, biex ikunu żgurati l-involvement u t-trasparenza totali tagħhom, u jistenna b'interess li jirċievi r-rapport li jmiss, li għandu jintbagħat b'mod konġunt f'Ġunju 2019.